# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 750/21/1 GMG**

**Wayne Delia**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat mis-sentenza li l-Ewwel Qorti tat fit-12 ta' Ottubru, 2023. Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2024 l-attur irrinunzja għall-appell li ppreżenta fl-24 ta' Ottubru 2023.

2. Fid-19 ta' Novembru 2021 l-attur fetaħ kawża u lmenta li f'proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ma ntlaqgħetx it-talba tal-attur sabiex il-Qorti tikkonverti f'Qorti ta' Droga. L-attur jilmenta li l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kap. 537)

jilledi l-jeddijiet fundamentali tiegħu inkwantu joħloq diskriminazzjoni u jilledi d-dritt għall-aċċess għall-Qorti ta' Droga.

3. B'sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tal-attur.

4. L-aggravju tal-Avukat tal-Istat hu dwar il-kap tal-ispejjeż. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Id-*decide* tas-sentenza appellata taqra hekk:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet kollha, u fil-parametri ta' dak kollu fuq spjegat, din il-Qorti **tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat**, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti: b'dan li l-kopja ta' din is-sentenza, ladarba tgħaddi f'ġudikat għandha tintbagħat lill-Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha qed jinstema' l-każ kontra r-rikorrent fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Joseaph Mercieca) (Spettur Spiridione Zammit) vs Wayne Delia, sabiex tapplika dak spjegat għall-każ tar-rikorrent"*.

5. Fid-19 ta' Ottubru 2023 l-Avukat tal-Istat ippreżenta rikors li bih talab lill-Ewwel Qorti sabiex skont l-Art. 235 u l-Art. 825(2) tal-Kap. 12 tiddikjara li l-ispejjeż għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur. B'digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2023 l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma tqisx iktar ir-rikors ġaladarba kien hemm appell pendenti. Evidenti li l-Avukat tal-Istat ma riedx jieħu riskju minħabba t-terminu perentorju tal-appell, u fid-19 ta' Ottubru 2023 appella mis-sentenza.

6. Jekk kif isostni l-Avukat tal-Istat l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx dwar min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż, ma jingħatax appell (Art. 235 tal-Kap. 12). Fil-fatt kif rajna fid-19 ta' Ottubru 2023 l-Avukat tal-

Istat ippreżenta rikors. Hawnhekk il-Qorti tfakkar ukoll li skont Art. 177 tal-Kap. 12, il-klawsola 'bl-ispejjeż' titqies dejjem imdaħħla f'kull att ġudizzjarju fejn jistgħu jintalbu l-ispejjeż.

7. Fit-tweġiba għar-rikors maħluf, l-Avukat tal-Istat *inter alia* qal hekk:

> *"Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent"*.

8. Fil-fehma tal-Qorti l-appell inċidentali sar bla bżonn, ġaladarba l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat li jinkludu t-talba li l-ispejjeż ikunu a karigu tal-attur. Għalhekk deċiżjoni dwar l-ispejjeż hemm fis-sentenza appellata favur l-Avukat tal-Istat.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell inċidentali sar bla bżonn u ma tqisux iktar. Tordna li l-Avukat tal-Istat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm